# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru. 322/2017

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Robert Galea**

Illum 4 ta' Dicembru, 2018,

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Robert Galea detentur tal-Karta tal-identita' Maltija bin-numru 229581M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta), bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

1. Nhar it-13 ta' Ġunju, 2012, f'xi ħin bejn is-7:15hrs u l-11:30hrs ikkommetta serq ta' ġojjellerija u/jew oġġetti oħra minn residenza Marmer House, Triq San Publiju, Naxxar, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeċċedi l-ammont ta' €2,329.37, u bil-lok għad-detriment ta' Mario u Maria-Anna Xuereb u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entità u/jew entitajiet oħra;
2. F'xi jum bejn it-2 u t-22 ta' Novembru, 2013, ikkommetta serq ta' diversi oġġetti minn ġewwa uffiċċini sitwati f'sit ta' kostruzzjoni ġewwa x-Xatt tal-Birgu, Birgu, liema serq huwa kkalifikat bil-mezz u bil-valur li ma jeċċedix l-ammont ta' €2,329,37 għad-detriment ta' Mario Grixti u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entità u/jew entitajiet oħra.

Il-Qorti ġiet mitluba titratta ma' Robert Galea bħala reċidiv ta' sentenzi li saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula u dan ai termini ta'Artikolu 49, 50 u 289 ta' Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba tikkundanna lill-akkużat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-11 ta' Lulju, 2017 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 20, 31, 49, 50, 261(b), (c), (e), 263, 264, 265, 266, 267, 269(g), 278 (1),(2),(3), 279(a),(b), 280(1),(2), 281(a), 284, 285 u 289 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni sabet lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u kkundannatu ghal erbghin (40) xahar prigunerija.

Finalment bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ordnat lill-hati jhallas l-ammont ta' €1,962.61 rapprezentanti spejjez peritali.

Rat ir-rikors tal-appellant Robert Galea minnu pprezentat fis-17 ta' Lulju, 2017 fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti tvarja s-sentenza appellata fis-sens li tinghata dik il-piena ta' prigunerija illi kien hem ftehim dwarha bejn il-prosekuzzjoni u d-difensura u liema ftehim jista' jigi kkonfermat mill-esponenti stess.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

Illi jidher li kien hemm plea bargaining sabiex tinghata sentenza inqas harxa minn dik li nghatat fis-sentenza hawnhekk annessa u li dan l-appell qed isir fil-fatt minhabba l-ammont ta' erbghin (40) xahar prigunerija li nghata l-esponenti.

Illi ghaldaqstant sar dan l-appell sabiex Robert Galea jigi moghti dik is-sentenza u ghaldaqstant dak l-ammont ta' prigunerija illi kien hemm il-ftehim dwaru, hekk kif jista' jixhed car dwar dan l-istess ftehim illi kien intlahaq bejn il-prosekuzzjoni u d-difensura mill-istess Robert Galea.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet b'mod partikolari li l-appell tal-appellant huwa null ai termini tal-artikolu 419 tal-kap 9 tal-ilgjiet ta Malta kif msitqarr mill-Avukat Generali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi l-fatti fil-qosoer li taw lok ghal din is-sentenza huma is-segwenti:-

1. Illi nhar l-11 ta Lulju 2017, l-ewwel Qorti kienet sabet lill-appellant hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tighu u ikkunnatu ghal zmien ta' erbghin xahar prigunerija .
2. Illi l-appellant hass ruhu aggravat minn din is-sentenza tal-ewwel Qorti u fis-17 ta' Lulju, 2017 intavola appell fejn l-aggravju tieghu kien qieghed fejn stqarr li kien hemm *plea bargaining* bejn il-prosekuzzjoni u d-difiza sabiex l-appellant jinghata sentenza inqas minn dik li inghatat izda cio' nonnostante xorta giet imposta din is-sentenza b'erbghin xahar prigunerija effettiva.
3. Konsegwentement talab li s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fil-11 ta' Lulju, 2017 tigi varjata sabiex tirrifletti il-piena li kien hemm ftehim dwarha quddiem l-ewwel Qorti bejn il-partijiet.

Illi l-Avukat Generali sostna li ir-rikros tal-appell tal-appellant huwa null u dan ghaliex huwa nieqes min wiehed mir-rekwiziti li huma stabbilti bl-artikolu 419 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' li l-appellant ma semmiex l-fatti fil-qosor tal-kawza.

Din is-sentenza inghatat meta l-artikolu 419 tal- kap 9 kien jipprovdi is-segwenti:-

"419(1): Ir-rikors, barra mill-indikazzjoni komuni ghall-atti gudizzjarji, ghandu jkun fih, taht piena ta' nullita[1]` –

(a) il-fatti fil-qosor;
(b) ir-ragunijiet ta' l-appell;
(c) it-talba ghat-tahsir jew ghat-tibdil tas-sentenza tal-qorti inferjuri."

Il-gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti dejjem kienet fis-sens li giet dikjarata n-nullita` ta' appell jekk il-vot tal-ligi fl-imsemmi artikolu ma jigix osservat skrupolozament. Jigifieri meta ma jkunx gie osservat xi wiehed jew aktar mill-paragrafi (a), (b) u (c) tas-subartikolu (1) ta' l-imsemmi artikolu 419, dan igib bhala konsegwenza li r-rikors ta' appell ikun null. U dik n-nullita` kienet anki sollevabbli *ex officio* mill-Qorti, essendo dik id-disposizzjoni u dawk ir-rekwiziti ta' ordni pubbliku [2].

Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta mill-Onor. Dr. V. De Gaetano fis-sentenza fil-kawza fl-ismijiet "**Il-Pulizija vs. Joseph Said**[3]":-

---

[1] emfasi ta din il-Qorti

[2] App. Krim. 14 ta' Settembru ,/2007

[3] Deciza fil-25 ta' Lulju 1994

"Il-gurisprudenza, ormai kopjuza dwar in-nullita' tar-rikors tal-appell minhabba karenza tar-rekwizit tal-fatti fil-qosor, ma hix gurisprudenza bbazata fuq formalizmu jew inflessibilita' procedurali izda gurisprudenza bbazata fuq interpretazzjoni ragjonevoli tal-imsemmi dispost tal-ligi (Art. 419 (1)…"Il-principji stabiliti … jinsabu rispekkjati f'sentenzi aktar recenti bhal , per ezempju , "**Il-Pulizija vs. Lawrence Zammit u Paul Spiteri**[4]" [25.7.1986] ; "**Il-Pulizija vs. Alfred Debono**"[5] [23.4.1992] u l-"**Il-Pulizija vs. Julian Bonello**[6]" [14.5.1992], lkoll appelli kriminali, jistghu jigu riassunti fis-segwenti tlitt propozizzjonijiet : (1) ir-rikors ghandu jkun fih espozizzjoni tal-fatti saljenti u essenzjali tal-kawza, esposti b' mod car u komplet , b' mod li l-kontropoarti tkun tista' tifhem fuqhiex ghandha tiddefendi ruha jew tittratta, u b'mod li din il-Qorti tkun tista' ssegwi sewwa l-izvolgiment tal-kaz u tillimita d-dibattitu ghal dak li hu bzonnjuz u tirrikjedi l-iskjaramenti mehtiega; (2) il-ghalhekk ma jkunx sodisfatt il-vot tal-ligi jekk il-fatti jkunu sparpaljati b'mod li wiehed irid joqghod jistad ghalihom biex forsi jindividwhom ; u (3) li certament mhux il-kompitu tal-Qorti li toqghod tipprova tispigola l-fatti mill-aggravji jew vice versa. …f' dan il-kaz l-espozizzjoni tal-fatti hija karenti ghal kollox." (sottolinear ta' din il-Qorti).

Fl-Appell kriminali "**Il-Pulizija vs. Vincent Fenech**[7]" din il-Qorti ukoll preseduta mill-Imhallef Dr.V. De Gaetano kienet qalet li ghalkemm : "*tfahhar kull sforz li jsir biex fl-atti gudizzjarji tigi kkoltivata l-prassi ta' l-ekonomija tal-kliem , hu evidenti li tali ekonomija ma tistax tkun a skapitu tas-sens u l-iskop guridiku ta' l-att in kwistjoni , cioe' ma tistax tkun ekonomija tali li ggib fix-xejn u tirrendi inoperattiv u bla sens dak l-att.*"

---

[4] Deciz fil-25 ta Lulju 1986

[5] Deciz fit-23 ta' April 1991

[6] Deciz fl-14 ta Mejju 1992

[7] Deciz fis-17 ta Ottubru 1997

Illi jidher car li f'dan il-kaz ukoll l-espozizzjoni tal-fatti hija ukoll karenti ghal kollox u, jekk stess jissemmew xi fatti imhalltin u sparpaljati mall-aggravji, dan xorta wahda ma jissodisfax il-vot tal-ligi.
Kif inhu risaput din il-Qorti kienet dejjem tipprova ssalva l-atti u ma tiddikjarax rikors ta' appell bhala null fejn dan ikun possibbli, imqar bi ftit tigbid entro l-limiti permessi mill-ligi, ghax ikun gie sodisfatt il-minimu ta' dak li hu rikjest ghall-finijiet tas-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 419 imsemmi – ara f'dan is-sens **Il-Pulizija v. Robert Spiteri et**[8] , **Il-Pulizija v. Joseph Tabone**[9] , u **Il-Pulizija v. George Galea**[10] .

Illum pero l-artikolu 419 tal-kap 9 tal-Ligijeit ta' Malta illum jipprovdi s-segwenti, u ghalhekk is-sentenzi li nghataw fl-imghoddi m'ghadx ghandhom sinjifikat sabiex jigi imfisser ahjar l-artikolu 419 tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta' Malta.

*419. (1) Ir-rikors, barra mill-indikazzjoni komuni għall-atti ġudizzjarji, għandu jkun fih,*
*(a) il-fatti fil-qosor;*
*(b) ir-raġunijiet tal-appell;*
*(ċ) it-talba għat-taħsir jew għat-tibdil tas-sentenza tal-qorti inferjuri.*

Il-Qorti tirrileva li permezz ta' l-ahhar emenda li saret u cioe b'Att I tas-sena 2018 il-kliem taht ' piena ta' nullita' gew imhasra u ghalhekk dan ifisser li minkejja li wahda minn dawn ir-rekwiziti ikun nieqes, tali nuqqas ma iwassalx ghan-nullita ta' l-att.

Ir-raison d'etre tal-paragrafi (a), (b) u (c) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 419 huwa s-simplifikazzjoni u l-kjarezza. Il-legislatur evidentement irid li r-rikors ghandu jkun redatt b'tali mod li mill-ewwel ipoggi kemm lill-Qorti kif ukoll lill-appellant fil-

[8] App. Krim. 30 ta' April ,1990.

[9] App. Krim. 14 ta' Settembru ,/2007.

[10] App. Krim. 15 ta' Frar /2008

posizzjoni li jkunu jafu ezatt x'inhuma l-fatti kollha essenzjali, minn xhiex qed jilmenta l-appellant, u x'inhu jitlob. Pero' minkejja li l-legislatur jirrikjedi dan mhux qed jinsisiti li jekk uhud min ndawn ir rekwiziti huma nieqsa l-atti jigi kunsidrat null. Ghalhekk il-legislatur ried li jkun hanin ma min jippresenta att li mhux in regola mal-ligi.

Illi l-appellant interpona appell mis-sentenza tal-ewwel Qorti ghaliex hassu aggravat bis-sentenza li ingahta u dan ghaliex fil-fehma teighu l-piena inflitta hija wahda eccessiva.

Illi l-avukat difensur kellu issemmi fis-sentenza il-fatti fil-qosor tal-kawza u dan sabiex tkun in sintezi ma dak li jiddisponi is -sub inciz (a) tal artikolu 419.

Illi n-nuqqas tal-appellant ghalkemm jidher li huwa ta' portata zghira kien jammonta ghan-nullita' li ma kienx ghall-emendi introdotti bl-Att I tal-2018, u tali rikors konsimili kien ikun possibilment soggett ghal ezitu infelici.

Illi ghlahekk in linea ma dak li jiddisponi l-artikolu 419 (1) (a) l-Qorti qieghda tidderigi lill-avukat difensur tal-appellant sabiex tipprezenta rikors fejn jitlob li jghamel korrezzjoni fir-rikors tal-appell tieghu fis-sens li izzid il-fatti fil-qososr tal-kawza in desamina.

Ghaldaqstant, in vista tal-emmendi li saru bl-Att I tas-sena 2018 dwar l-artikolu 419 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta Malta, l-eccezzjoni ta' nullita sollevata mill-Avukat Generali qed tigi rigettata u tiddiferixxi l-kawza sabiex l-appellant jidderigi ruhu fid-dawl tal-provediment ta' illum.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur